

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2019/476

meħuda bi qbil mar-Renju Unit,

tat-22 ta' Marzu 2019

li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") f'konformità mal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li japplika għall-Euratom bis-saħħa tal-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (2) Fit-22 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Renju Unit għal ftehim li jstabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu, li jieħu kont tal-qafas għar-relazzjoni futura tiegħu mal-Unjoni.
- (3) In-negozjati saru fid-dawl tal-Linji Gwida tad-29 ta' April u l-15 ta' Diċembru 2017 u tat-23 ta' Marzu 2018 ipprovduti mill-Kunsill Ewropew bl-oġġettiv ġenerali li jiġi żgurat ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom.
- (4) Fl-14 ta' Novembru 2018, il-President tal-Kummissjoni Ewropea baġhat lill-President tal-Kunsill Ewropew l-abbozz ta' Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ"), li għalih il-gvern tar-Renju Unit kien ta l-approvazzjoni tiegħu. Fit-22 ta' Novembru 2018, il-President tal-Kummissjoni Ewropea ppreżenta lill-President tal-Kunsill Ewropew l-abbozz ta' Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq (id-"Dikjarazzjoni Politika"), maqbula fil-livell tan-negozjaturi u maqbula fil-prinċipju fil-livell politiku, soġġett għall-approvazzjoni tal-Mexxejja.
- (5) Fil-25 ta' Novembru 2018, il-Kunsill Ewropew approva l-Ftehim dwar il-Ħruġ u approva d-Dikjarazzjoni Politika.
- (6) Fil-11 ta' Marzu 2019, il-President tal-Kummissjoni Ewropea baġhat lill-President tal-Kunsill Ewropew l-Istrument relatat mal-Ftehim dwar il-Ħruġ u d-Dikjarazzjoni Konġunta li tissupplimenta d-Dikjarazzjoni Politika, maqbula bejn il-Prim Ministru May u l-President tal-Kummissjoni Ewropea Juncker u approvati mill-Kummissjoni Ewropea fl-istess jum. Fil-21 ta' Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew approva ż-żewġ dokumenti.
- (7) Skont l-Artikolu 50(3) TUE, it-Trattati għandhom jieqfu milli japplikaw għall-Istat li hierieg mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara n-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, ma jiddeċidix unanimament li jestendi dan il-perijodu.

- (8) Permezz tal-ittra tal-20 ta' Marzu 2019, ir-Renju Unit ressaq talba għal estensjoni tal-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE sat-30 ta' Ġunju 2019, bil-ħsieb li jiffinalizza r-ratifika tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (9) Fil-21 ta' Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew qabel li ssir estensjoni sat-22 ta' Mejju 2019, dment li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi approvat mill-House of Commons il-ġimgħa ta' wara. Jekk dan ma jseħx, il-Kunsill Ewropew qabel li ssir estensjoni sat-12 ta' April 2019 u indika li qed jistenna li r-Renju Unit jindika t-triq 'il quddiem qabel it-12 ta' April 2019 għall-kunsiderazzjoni tiegħu.
- (10) Din l-estensjoni ser ikollha l-konsegwenza li r-Renju Unit jibqa' Stat Membru bid-drittijiet u l-obbligi kollha stabbiliti fit-Trattati u taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk ir-Renju Unit ikun għadu Stat Membru fit-23-26 ta' Mejju 2019, ikollu l-obbligu li jorganizza l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għandu jiġi nnotat li r-Renju Unit ikollu jagħti l-avviż għall-elezzjonijiet sat-12 ta' April 2019 sabiex jorganizza tali elezzjonijiet.
- (11) Tali estensjoni teskludi kwalunkwe ftuħ mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Kwalunkwe impenn, dikjarazzjoni jew att ieħor unilaterali mir-Renju Unit jenħtieġ li jkun kompatibbli mal-kelma u l-ispiritu tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (12) Kif previst fl-Artikolu 50(4) TUE, ir-Renju Unit ma ħax sehem fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jikkonċernaw din id-Deċiżjoni u lanqas fl-adozzjoni tagħha. Madankollu, kif stipulat fl-ittra tat-22 ta' Marzu 2019 mir-Rappreżentant Permanenti tar-Renju Unit għall-Unjoni Ewropea, Sir Tim Barrow, ir-Renju Unit qabel, f'konformità mal-Artikolu 50(3) TUE, mal-estensjoni tal-perijodu msemmi f'dak l-Artikolu u ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-każ li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi approvat mill-House of Commons sa mhux aktar tard mid-29 ta' Marzu 2019, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE jiġi estiż sat-22 ta' Mejju 2019.

Fil-każ li l-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiġix approvat mill-House of Commons sa mhux aktar tard mid-29 ta' Marzu 2019, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE jiġi estiż sat-12 ta' April 2019. F'dak il-każ, ir-Renju Unit jindika t-triq 'il quddiem qabel it-12 ta' April 2019, għall-kunsiderazzjoni mill-Kunsill Ewropew.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2019.

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President

D. TUSK
